MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tal-21 ta' Marzu, 2012

Appell Civili - Ghawdex Numru. 5/2008/2

**Mario Parnis**

**Vs**

**Joseph u Michelina konjugi Aquilina**

**Il-Qorti,**

## <u>I. PRELIMINARI.</u>

Illi fil-21 ta’ Ottubru 2011 il-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex), Inferjuri, ppronunzat is-segwenti decizjoni fl-ismijiet premessi:-

*“Il-Qorti,*

*Rat l-Avviż li permezz tiegħu l-attur talab lill-konvenuti jgħidu għaliex m’għandhomx jiġu kkundannati jħallsu is-somma ta’ ħamest elef ħames mija u għoxrin ewro u tmenin ċenteżmu (€5,520,80) ekwivalenti għal elfejn tlett*

*mija u sebgħin liri maltin u tmien ċenteżmi (Lm 2,370.08) rappreżentanti bilanċ li għadu dovut minnhom bħala ħlas ta' xogħol għal diversi biċċiet ta' għamara li saru mir-rikorrenti fuq struzzjonijiet tagħhom stess, liema ammont jinkludi wkoll il-VAT dovuta.*

*Minkejja diversi interpellazzjonijiet li sarulhom għall-ħlas, kemm b'mod verbali kif ukoll permezz ta' ittra datata 19 ta' Novembru, 2007 u oħra uffiċjali a tenur ta' l-artikolu 166A tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta, preżentata fil-wieħed u għoxrin (21) ta' Jannar 2008, huma baqgħu inadempjenti u għalhekk kellha ssir din il-kawża.*

*Bl-imgħaxijiet mid-data tal-21 ta' Jannar 2008 sad-data ta' l-effettiv pagament u bl-ispejjeż tal-preżenti proċedura, inklużi dawk ta' l-ittra interpellatorja tad-19 ta' Novembru, 2007 u dik uffiċċjali bin-numru 41/2008 magħmula a tenur ta' l-artikolu 166A tal-Kap. 12 u preżentata fil-21 ta' Jannar, 2008.*

*Bl-inġunzjoni għas-subizzjoni li għaliha minn issa intom inġunti.*

*Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenuti li eċċepew illi :*

*1. Illi l-ammont li qed jintalab mill-attur huwa eċċessiv, u mhux skond l-istima oriġinali;*

*2. Illi barra minn hekk ix-xogħol tal-injam li nħadem mill-attur fuq inkarigu tal-esponenti, ma sarx skond il-ftehim, sar b'mod ħażin, u ma sarx skond kif titlob l-arti u s-sengħa;*

*3. Illi l-attur qed jitlob ħlas ukoll ta' ammonti ta' flus li tagħhom ġia rċieva l-ħlas;*

*4. Salvi tweġibiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt.*

*Rat id-digriet tagħha tat-8 ta' April 2008 fejn innominat lis-sur Charles Sultana bħala perit tekniku.*

*Rat ir-relazzjoni ta' l-istess perit tekniku, ppreżentata fit-18 ta' Mejju 2009 u minnu maħlufa fl-20 ta' Awwissu 2009.*

*Rat id-digriet tagħha tat-3 ta' Mejju 2011 fejn ħalliet il-kawża għal-lum għas-sentenza.*

*Rat in-noti ta' l-Osservazzjonijiet rispettivi tal-kontendenti.*

*Rat l-atti l-oħra kollha tal-kawża, inklużi l-verbali tax-xhieda mismugħa u d-dokumenti esebiti.*

*Ikkunsidrat:*

*Illi permezz ta' din il-kawża l-attur qed jitlob mingħand il-konvenuti l-ħlas tal-bilanċ tal-prezz ta' diversi biċċiet ta' għamara maħduma minnu fuq struzzjonijiet tagħhom. Il-konvenuti qed jirrifjutaw li jħallsu għal diversi raġunijiet, u ċioe' għax jikkontendu illi: (i)  l-ammont mitlub huwa eċċessiv; (ii)  ix-xogħol ma sarx skond il-ftehim, sar b'mod ħażin u mhux skond is-sengħa u l-arti; u (iii) qed jintalab il-ħlas ta' ammonti ġia mħallsa.*

*Ġara illi għall-ħabta ta' nofs is-sena 2005 il-konvenuta kienet avviċinat lill-attur u talbitu stima ta' kċina li xtaqet tordna. Wara li ddiskutew f'hiex kellha tikkonsisti din il-kċina, l-attur ħarġilha l-istima esbita bħala Dok. MA 1 (fol.75). Għal xi sena, l-konvenuta baqgħet ma kellmitu xejn, imbagħad talbitu jaċċedi fid-dar tagħha biex jiddiskutu aħjar fuq il-post x'kellu jsir. F'din l-okkażżjoni l-attur ħarġilha stima riveduta (Dok. "MA 2"), peress li l-konvenuta kienet biddlet xi ftit il-ħsieb dwar x'kellu jsir. L-attriċi kkonfermat l-ordni tagħha u x-xogħol beda jinħadem. Għall-bidu ta' Ottubru 2006 il-bank tal-kċina ġie nstallat fil-post, u dakinhar il-konvenuta għamlet pagament akkont ta' ħames mitt lira maltija (Lm500) (Dok. "MS 3"). Daqs xahar u nofs wara l-attur mar jinstalla l-kumplament ta' l-għamara ordnata fil-kċina tal-konvenuta u reġa' sar pagament ieħor akkont, din id-darba ta' elf lira maltija (Lm1000) (Dok. "MA 4". Kien jonqos biss l-ixkaffi tal-ħġieġ tal-vetrini, li riedu jiġu ordnati minn band'oħra, u s-sopraporti. Billi l-ħġieġ wasal ftit qabel il-Milied meta l-konvenuta kienet imħabbta bin-negozju tagħha, ftehmu li*

*dawn jiġu nstallati wara l-festi. Meta pero' l-attur mar biex ipoġġi l-ħġieġ f'postu f'Jannar ta' wara, il-konvenuta bdiet tagħmel diversi lmenti dwar xogħol difettuż u mhux tal-kwalita' pattwita. Baqgħu li l-attur kellu jara x'jista' jagħmel meta jmur bis-sopraporti. Madankollu l-konvenuta ma regghetx kellmitu u allura f'April bagħtilha l-kont. Billi, minkejja diversi nterpellazzjonijiet għall-ħlas (Dok. "MP 1" u Dok. "MP 2", il-konvenuta baqgħet ma ħallsitx il-bilanċ dovut, l-attur imbagħad ipproċeda bil-kawża preżenti.*

*L-ewwel oġġezzjoni tal-konvenuti tirrigwarda l-ammont mitlub. Huma jikkontendu li dan huwa eċċessiv għax ma l-ammont oriġinali ndikat fuq il-kont (Dok. "MA 5"), l-attur żied somma oħra li huwa jgħid li tikkonsisti fit-taxxa fuq il-Valur Miżjud ta' tmintax fil-mija (18%) u li ma kienitx inkluża fil-kont, għax kienu ftehmu li jassorbiha hu kemm-il darba jsir ħlas fil-pront. Il-konvenuti jikkontendu fin-nota ta' l-osservazzjonijiet tagħhom li skond il-liġi (artikolu 49 (2) tal-Kap. 406), it-taxxa kellha tiġi inkluża fil-kont, u allura il-kont li ppreżenta l-attur lill-konvenuta suppost li ġia kien jinkludi din it-taxxa. Hi x'inhi pero' l-pożizzjoni legali f'dan ir-rigward, ġialadarba l-attur jammetti li din it-taxxa kellu jassorbiha hu sakemm isir ħlas fil-pront, u kif ser jingħad hawn taħt, il-konvenuti kienu ġustifikati ma jagħmlux dan il-ħlas minħabba xogħol difettuż, m'għandux raġun l-attur jinsisti issa għal din it-taxxa.*

*Il-konvenuti oġġezzjonaw ukoll li l-ammont mitlub għad-diversi items ordnati, kien iżjed minn dak indikat fl-istejjem relattivi (Dok. "MA 1" u Dok. "MA 2". L-attur jgħid li dan kien dovut għall-fatt li għadda żmien mhux ħażin minn meta saru dan l-istejjem sakemm l-attriċi ddeċidiet li tagħmillu l-ordni. Jispjega ukoll li stima dejjem tkun approssimattiva u qatt ma tindika l-prezz eżatt. Terġa' stejjem, bħal ma kellna fil-każ in eżami, ftit li xejn leġibbli u maħruġa fuq biljett tan-negozju, bla data, firem jew dettalji oħra, ma tantx jistgħu jitqiesu bħala kuntratt li jorbot lill-partijiet. Żgur għalhekk li dwar dan l-ilment il-konvenuti ma jistgħux jingħataw raġun.*

*B'eċċezzjoni oħra tagħhom, il-konvenuti jikkontendu li x-xogħol ma sarx skond is-sengħa u l-arti u ma kienx tal-*

*kwalita' pattwita. L-ilment prinċipali tagħhom f'dan ir-rigward jikkonċerna l-vetrini, li għandhom il-bibien tagħhom iħokku mal-wiċċ tal-cupboards meta jinfetħu. Skond il-perit tekniku, dan huwa dovut għall-fatt li d-dahar ta' dawn il-vetrini kellu jsir minn materjal eħxen minn dak li attwalment intuża, biex ma jiddendilx (ara rapport fol. 15 – 18). L-attur ried jirrimedja għal dan billi jorbot il-vetrini mal-ħajt, imma l-konvenuta ġustament irrifjutat. Jgħid ukoll li d-dahar tagħhom iddendel għax il-konvenuta ma rieditx li jsiru supports għall-ixkafef biex tkun tista' tara minn ġemb għall-ieħor tal-vetrini. Imma kif ġie mfisser mill-qrati tagħna: " …'l-appaltatur hu obbligat jesegwixxi l-opra miftehma skond is-sengħa, u meta hu jissoministra anke l-materjal, dan għandu jirrispondi għall-konsegwenzi kollha skond il-liġi' (kollez. Vol. XLI p. II p 892). Dan għaliex 'id-difett tal-kostruzzjoni jista' jkun mhux biss xogħol ħażin imma anke xogħol esegwit b'materjal ħażin' (Kollez. vol. XLI p I p 667). Ġie in effett ritenut f'kawża fejn l-appaltatur kien qed ifittex kemm lill-perit kif ukoll lill-kuntrattur għal xogħol ta' kostruzzjoni ta' bini 'li d-difett fil-kostruzzjoni jew art jikkomprendi anke d-difett fil-materjali wżati fil-kostruzzjoni għax il-bonta' tal-materjali tidħol fl-ambitu ta' responsabilita' tant fuq l-appaltatur kemm ukoll fejn dan jirrikorri fuq l-arkitett li jkun inkarigat mid-direzzjoni tal-kostruzzjoni. Dan billi l-eżekuzzjoni tax-xogħol tinvolvi anke l-għażla tal-materjali mhux tajba anke jekk is-sid ikun irid li jiġu wżati dawk il-materjali mhux tajba imma għandhom jrrifjutawhom.' (Kollez. Vol. XXIX P. I. p 442); Minn dan jitnissel in linea ta' prinċipju illi, ġialadarba jinkombi b'obbligu fuq l-appaltatur li josserva n-normi ta' indoli teknika fl-esekuzzjoni ta' l-opra, komprensiv f'dan il-kontroll tal-materjal intiż li jiġi wżat, huwa għandu jastjeni ruħu milli jesegwixxi l-opra jekk ikun deherlu b'diliġenza ordinarja, illi l-materjal mhux tajjeb jew dan kapaċi 'l quddiem jimmanifesta difettti. F'każ bħal dan hu għandu mill-ewwel ma jagħmilx ix-xogħol jew ikollu jirrispondi għad-difetti li jiġru 'l quddiem.' (Mario Blackman vs Carmelo Farugia et noe.: Appell Kummerċjali 27 ta' Marzu. 1972) " (Anthony Cauchi vs Pierre Galea vs Pierre Galea et"* (A.I.C. (Gh) – 26 ta' April 2006)

*A tenur ta' din il-ġurisprudenza l-attur għalhekk kien obbligat jirrifjuta li jagħmel dawn il-vetrini kif xtaqithom il-konvenuta, kemm-il darba dan kien ifisser li x-xogħol ma kienx ser joħroġ tajjeb. Il-konvenuti huma għalhekk ġustifikati jirrifjutaw li jħallsu għal dawn il-vetrini.*

*Id-difetti l-oħra msemmija mill-attriċi u kkonfermati mill-perit tekniku kienu biss kwistjonijiet ta' setting ta' bibien tal-cupboards li ġew rrimedjati waqt l-aċċess stess. Il-ħlas f'dan ir-rigward huwa għalhekk dovut.*

*Il-konvenuta lmentat ukoll mill-mejda li ma kienitx kif xtaqitha. Hija nfatti ppreżentat ritratt ta' kif riedet li din issir ritratt nru. 12 a fo. 30). L-attur spjega kif kien ġia kkuntenta lill-konvenuta meta biddlilha l-wiċċ tal-mejda wara li kien ġia ħadimulha. Jekk reġa' bdielha wara li din twasslet fir-residenza tagħha, m'għandu l-ebda tort l-attur. Il-ħlas tal-mejda huwa ripetibbli wkoll.*

*Iż-żewġ sopraporti ordnati wkoll mill-konvenuta baqgħu qatt ma ġew konsenjati, u għalhekk ta' dawn l-attur lanqas ma jista' jippretendi ħlas.*

*Għadaqstant, jekk mill-ammont mitlub ta' elfejn tlett mija u sebgħin lira u tmien ċenteżmi (Lm2370.08), titnaqqas it-taxxa fuq il-Valur Miżjud ta' tmintax fil-mija, li tiġi tlett mija wieħed sittin lira u tlieta u ħamsin ċentezmu (Lm361,53), (li tinħadem b'dan il-metodu Lm2370.08 divide by 118 x 18 = Lm 361.53), li kif ingħad hawn fuq, trid tiġi ssoportata mill-attur stess, u allura jibqa' bilanċ ta' elfejn u tmien liri maltin u ħamsa u ħamsin ċenteżmu (Lm 2008,55); jitnaqqas ukoll l-valur taż-żewġ vetrini li ma sarux skond is-sengħa u l-arti, ta' elf u mitejn liri maltin (Lm1200); u jitnaqqas ukoll il-valur tas-sopraporti, ta' ħamsa u ħamsin lira maltija (LM55); jiġi li għadu dovut lill-attur bilanċ ta' seba' mija u tlieta u ħamsin lira maltija u ħamsa u ħamsin ċenteżm (Lm 753.55), ekwivalenti llum għal elf seba' mija u ħamsa u ħamsin euro u tletin ċenteżmu (EUR 1755.30). Billi l-ammont mitlub mill-attur f'dawn iċ-ċirkostanzi ma jistax jitqies li kien wieħed ċert, likwidu u dovut, l-imgħaxijiet fuq is-somma hawn likwidata jibdew jiddekorru*

*b'effett minn din is-sentenza, u mhux mid-data ta' l-ittra uffiċċjali mibgħuta lill-konvenuti.*

*Għal dawn il-motivi tiddeċidi l-kawża billi, filwaqt illi tilqa' in parti l-eċċezzjonijiet tal-konvenuti, tilqa' t-talba attriċi limitatament għas-somma ta' elf seba' mija u hamsa u hamsin ewro u tletin centezmu (€1755.30), u b'digriet tal-24 ta' Novembru 2011 l-ammont ta' €1755.30 gie emendat biex jaqra elf tlett mija disgha u disghin ewro u hamsa u disghin centezmi (EUR 1399.95), u tikkundanna lill-konvenuti sabiex iħallsu lill-attur din s-somma, bl-imgħaxijiet relattivi b'effett mid-data ta' din is-sentenza.*

*Bl-ispjejjeż, fiċ-ċirkostanzi, jiġu ssoportati kwantu għal kwart (1/4) mill-konvenuti, u l-bqija mill-attur stess".*

Rat ir-rikors tal-appell tal-appellant Mario Parnis datat 8 ta' Novembru 2011 fejn filwaqt illi ghamel referenza ghall-provi gia prodotti quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex), Gurisdizzjoni Inferjuri, talab lill-Qorti sabiex (a) thassar u tirrevoka d-digriet moghti mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex), Gurisdizzjoni Inferjuri, fl-erbgha u ghoxrin (24) ta' Gunju 2011 u tawtorizza lill-appellant sabiex jeskuti lill-perit Tekniku Charles Sultana; u (b) tirriforma s-sentenza appellata tal-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex), Gurisdizzjoni Inferjuri, tal-21 ta' Ottubru 2011, billi filwaqt li tikkonfermaha f'dik il-parti fejn l-appellati gew ordnati jhallsu lill-appellant l-ammont ta' €1755.30, thassarha u tirrevokaha f'dik il-parti fejn l-Ewwel Qorti laqghet in parti l-eccezzjonijiet tal-appellati u tordna lill-istess appellati sabiex flimkien mas-somma ta' €1755.30 huma jhallsu wkoll l-ammont ta' €3765.50 sabiex b'hekk l-appellant jircievi l-ammont totali ta' €5520.80 kif mitlub fir-rikors promotur; u li jhallsu l-interessi mid-data tal-ittra ufficcjali datata 21 ta' Jannar 2008 sad-data tal-effettiv pagament, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-intimati appellati.

Rat ir-risposta tal-appellati konvenuti Joseph u Michelina konjugi Aquilina datat 20 ta' Dicembru 2011 fejn talbu lill-Qorti biex tikkonferma s-sentenza appellata, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-attur appellant.

Rat li dan l-appell gie appuntat ghas-smigh ghat-18 ta' Jannar 2012, u fl-istess seduta d-difensuri tal-partijiet trattaw il-kaz u l-appell gie differit ghas-sentenza ghall-21 ta' Marzu 2012.

Rat id-decizjoni fl-ismijiet premessi datata 21 ta' Ottubru 2011.

Rat il-process kollu relattiv tal-istess kawza.

Rat l-atti kollha relattivi l-ohra.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

Illi l-appell tal-appellanti huwa (a) li l-Ewwel Qorti kienet skorretta meta assumiet li kien hemm rinunzja tacita tal-attur sabiex jeskuti l-perit tekniku; (b) li l-appellati hadu ir-riskju kollu rigward kif kellhom jigu il-vetrini u dan saru fuq struzzjonijiet taghhom; (c) li huma accettaw l-oggetti u allura ma setghux jargumentaw li x-xoghol ma sarx skond is-sengha u l-arti la darba l-istess xoghol ma giex depozitat taht l-Awtorita' tal-Qorti; (d) anke jekk ix-xoghol fuq il-vetrini ma kienx sew ma kellhux jitnaqqas il-valur shih tal-vetrini u dan ghaliex fuq il-parti t'isfel taghhom ma kien hemm ebda ilment, u dan apparti l-fatt li l-istess vetrini kienu qed iservu ghall-iskop intiz taghhom; (e) ma kellhux jitnaqqas il-valur tas-sopraporti ghaliex dawn ma gewx konsenjati ghaliex l-appellati ma tawx access lill-appellant ghad-dar taghhom; (f) li l-VAT kellha tithallas mill-appellant kemm il-darba kellhu jsir il-hlas fil-pront u la darba dan ma sehhx mela allura l-VAT kellha tithallas mill-appellati; (g) la darba ma hemm l-ebda raguni ghaliex ma ghandhux jithallas il-prezz kollu mela allura l-interessi kellhom jiddekorru mid-data tal-ittra ufficcjali.

Illi dwar l-ewwel aggravju jinghad li t-talba ghall-eskuzzjoni tal-perit tekniku saret biss wara li l-kawza thalliet ghas-sentenza permezz ta' rikors datat 6 ta' Mejju 2011 u dan wara li r-rapport tekniku kien ilu li gie prezentat mit-18 ta' Mejju 2009; mela allura l-istess Qorti ghamlet sew li cahdet tali talba meta saritila tenut kont ukoll li l-istess

appellant kien halla dan iz-zmien kollu jghaddi qabel ma ghamel tali talba, talba li saret anke wara li l-attur stess kien iddikjara li ma ghandux provi izjed fit-22 ta' Ottubru 2009, u wara wkoll li fit-8 ta' April 2011 il-kawza kienet thalliet ghas-sentenza ghas-7 ta' Ottubru 2011 u ghalhekk dan l-ewwel aggravju qed jigi michud.

Illi dwar it-tieni aggravju din il-Qorti thoss li dan l-argument da parte tal-appellant ma jistax jigi accettat, ghaliex anke jekk kemm il-darba l-kommittent jissugerixxi li jsiru xogholijiet li b'mod u manjiera jew b'materjal li jkun ser irendi l-opera ordnata mhux skond is-sengha u l-arti mela l-appaltatur ghandu jirrifjuta li jaghmel tali xoghol, izda jekk jaghmel tali xoghol, u l-istess eskuzzjoni tieghu ma tkunx skond is-sengha u l-arti, mela allura l-istess appaltatur ghandu jirrispondi u huwa responsabbli ghall-istess ghaliex l-ewwel obbligu tal-appaltatur huwa li ghandu jesegwixxi x-xoghol tieghu sew u skond is-sengha u l-arti skont kif deciz fil-kawza **"Mario Blackman vs Carmelo Farrugia et"** A.C. – 27 ta' Marzu 1972); **"Carmelo Mallia vs Ivan John Fonk"** (A.C. – 24 ta' Jannar 1975). B'hekk dan l-aggravju qed jigi michud.

Illi dwar it-tielet aggravju jinghad li in konnessjoni ma' appalt it-tehid tal-konsenja tax-xoghol ma tfissirx l-accettazzjoni bla riserva tal-kwalita' tax-xoghol u allura ma hemmx rinunzja ghal azzjoni jew difiza jekk jigu riskontrati difetti fl-istess konsenja u dan japplika specjalment meta l-kommittent ma jkunx tacitament rrinunzja b'mod palez minn tali dritt anke billi halla hafna zmien jghaddi sabiex iddenunzja l-indikati difetti li certament ma huwiex il-kaz odjern (**"Ivan Borg nomine vs George Aquilina et"** (A.I.C. (PS) – 19 ta' Ottubru 2005). B'hekk dan l-aggravju qed jigi wkoll michud.

Illi dwar ir-raba' aggravju jirrizulta li l-vetrini mertu tal-istess aggravju saru hazin u dan anke konfermat mir-rapport tal-perit tekniku f'fol. 17 tal-process tali rapport datat 18 ta' Mejju 2009 u allura ma hemm ebda raguni ghaliex l-Ewwel Qorti, u iktar u iktar din il-Qorti, tiddipartixxi minn tali konkluzzjoni teknika u dan fuq l-iskorta tas-sentenzi fl-ismijiet **"Dr. Toni Abela nomine vs**

**Stephen Xeureb et"** (P.A. (RCP) – 30 ta' Novembru 2006); **"Alfred Mizzi et vs M.R.C.D. Limited"** (PA. (RCP) – 30 ta' April 2002); **"Spiteri Tiles Limited vs Raymond Borg"** (P.A. (RCP) – 28 ta' Frar 2002); u **"Jox Limited vs Stephen Pace et"** (P.A. (RCP) – 10 ta' Ottubru 2006) fejn inghad li *"ghalkemm il-Qorti ma hijiex tenuta li taccetta l-konkluzzjonijiet peritali kontra l-konvinzzjoni taghha nnfisha, kif fil-fatt huwa dettat mill-**artikolu 681 tal-Kap 12,** jibqa' jippersisti l-fatt li tali konkluzzjoni pertali, specjalment fuq natura purament teknika, din il-Qorti "ma tistax taghmlu b'mod legger jew kapriccuz. Il-konvinzjoni kontrarja taghha kellha tkun ben informata u bazata fuq ragunijiet li gravament ipoggu fid-dubbju dik l-opinjoni teknika lilha sottomessa b'ragunijiet li ma ghandhomx ikunu privi mill-konsiderazzjoni ta' aspett tekniku tal-materja taht ezami"* (**"Philip Grima vs Carmelo Mamo –** A.C. 29 ta' Mejju 1998; **"Anthony Cauchi vs Carmel Mercieca" –** A.C. 6 ta' Ottubru 1999; **"John Saliba vs Joseph Farrugia"** A.C. 28 ta' Jannar 2000; **"Sammy Tabone vs Carmel Tabone et"** – A.C. 5 ta' Ottubru 2001). B'hekk dan l-aggravju qed jigi wkoll michud.

Illi dwar il-hames aggravju din il-Qorti thoss li din kienet kwistjoni ta' apprezzament ta' provi mill-Ewwel Qorti u f'dan il-kaz din il-Qorti thoss li ma hemm l-ebda raguni gravi u impellenti sabiex din il-Qorti ma toqghodx, anke fuq dan il-punt mad-diskrezzjoni ezercitata mill-Qorti f'dan il-kaz u dan fuq l-iskorta tal-gurisprudenza konstanti f'dan il-kaz. Hekk fis-sentenzi **"Teresa Schembri vs Carmel Cassar et"** (A.I.C. (RCP) – 27 ta' Mejju 2010) u **"Philip Amato Gauci vs Anthony sive Tony MIcallef"** (A.I.C. (RCP) – 13 ta' Marzu 2012 jinghad li l-apprezzament tal-fatti mill-Qorti ta' l-ewwel grad ma ghandux normalment jigi ddisturbat minn Qorti ta' kompetenza superjuri u ghandu jsir biss f'dawk il-kazijiet fejn ic-cirkostanzi jkunu tali illi jikkonvincu lill-Qorti ta' revizjoni illi l-apprezzament ta' l-Ewwel Qorti kien tant zbaljat illi altrimenti tkun ser tigi krejata ingustizzja. Dan ghaliex huwa car li l-Ewwel Qorti kellha l-opportunita` li tisma' x-xhieda *viva voce* u kienet f'qaghda ferm aktar favorevoli biex tifforma opinjoni obbjettivament korretta tal-kredibilita` *o meno* taghhom. Vantagg li l-Qorti ta' l-Appell generalment m'ghandhiex.

(ara **"Elena Magri et vs Rosaria sive Rosa Borg"** (A.C. – 10 ta' Frar 1961); **"Brigitte Vella pro et noe vs Richard Vella"** (A.C. - 5 ta' Ottubru 2001); **"Carmelo Agius vs John Agius"** (A.C. (Inferjuri) – 2 ta' Dicembru 1994); **"Ruth Spiteri vs Emanuel Vella noe"** (A.I. C. – 5 ta' Marzu 2003); **"Dr. Adrian's Garden Centre Co. Limited vs A.X. Construction Limited"** (A.C. – 4 ta' Lulju, 2008)); u **"Carmelo Camilleri et vs Joseph Spiteri et"** (A.I.C. (RCP) – 28 ta' Ottubru 2008) fejn appuntu nghad li f'materja ta' valutazzjoni ta' fatti, il-Qorti tal-Appell tiddisturba d-diskrezzjoni ezercitata mill-ewwel Qorti biss f'kazi eccezzjonali – (**"Phyllis Ebejer vs Joseph Aquilina"** – 10 ta' Jannar 1995). B'hekk dan l-aggravju qed jigi michud ukoll.

Illi l-istess jinghad dwar il-punt ta' min kellu jhallas il-VAT, u jidher li l-Ewwel Qorti waslet ghall-konkluzzjoni li l-ftehim kien li l-VAT kellhu jithallas mill-appellant u ghalhekk in virtue tal-principju *pacta sunt servanda,* mela allura tali ftehim ghandu jigi osservat. L-argument li dan kien marbut mal-kondizzjoni li l-appellat ihallsu mal-ewwel ma jirrizultax bhala tali; izda mhux biss izda la darba jirrizulta li l-appellati kellhom ragun ma jhallsux ghaliex ix-xoghol ma kienx la kif pattwiet u lanqas skont is-sengha u l-arti, mela allura l-appellati kienu wkoll gustifikati li ma jhalsux (**"Antonio Pisani vs Carmelo Debattista"** P.A. – 8 ta' Mejju 1958); **"Francis Spiteri nomine vs Emmanuele Cassar"** A.C. – 14 ta' Marzu 1975). Huwa biss meta l-opra tirrizulta sodisfacenti li l-appaltatur ikollu jedd jircievi u jezigi l-hlas **"Christopher Meli et vs Emanuel Galea"** (A.I.C. (PS) – 23 ta' Gunju 2004). B'hekk dan l-aggravju qed jigi michud.

Illi dwar l-ahhar aggravju tenut kont li l-ammont li l-appellati gew ikkundannati jhallsu kien ferm inqas minn dak mitlub mela allura l-Ewwel Qorti kienet korretta meta ordnat li l-interessi ghandhom fuq l-ammont ta' sorte accettat kellu jibda' jiddekorri mid-data tas-sentenza taghha u cioe' mid-data tal-21 ta' Ottubru 2011, u dan ghaliex gie ppruvat f'dan il-kaz li l-appellati kellhom ragun li ma jhallsux l-ammont minnhom reklamat u allura l-interessi ghandhom jiddekorru biss mill-eghluq tal-

investigazzjoni gudizzjarja li waslet ghall tali rizultanza skond kif deciz fil-kawza fl-ismijiet **“William Sare’ nomine vs Carmel sive Charles Sammut”** A.C. – 29 ta’ Mejju 2008. B’hekk dan l-ahhar aggravju qed jigi wkoll respint u b’hekk l-appell kollu qed jigi michud.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta’ u tiddeciedi,** billi filwaqt li tilqa’ r-risposta tal-appellati datata 20 ta’ Dicembru 2011 biss in kwantu konsistenti ma’ dak hawn deciz, **tichad l-appell interpost mill-appellanti Mario Parnis fir-rikors tieghu datat 8 ta’ Novembru 2011 ghaliex huwa nfondat fil-fatt u fid-dritt ghar-ragunijiet hawn decizi, b’dan li din il-Qorti qed tikkonferma d-decizjoni tal-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Inferjuri fl-ismijiet premessi “Mario Parnis vs Joseph Aquilina et” (Avvviz Nru. 5/2008/PC) datata 21 ta’ Ottubru 2011 ghall-finijiet u effetti kollha tal-Ligi.**

**Bl-ispejjez kontra l-appellant Mario Parnis.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------